# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 722/94 K1 NA**

**Anthony Mercieca**

**vs**

**Sister Luigia Grech bhala Madre Superjura ghan-nom tas-Sorijiet Agostinjani tal-Gzira u in rapprezentanza ta' l-istess; u b'nota tal-1 ta' Awissu 1994 Sister Celsina Bonnici fil-kwalita' taghha ta' Madre Superjura ghan-nom tas-Sorijiet Agostinjani tal-Gzira u in rapprezentanza ta' l-istess billi kienet giet nominata Superjura in sostituzzjoni ghal Sister Luigia Grech li tinsab barra Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-25 ta' Mejju 1994 fejn ippremetta:

"Illi l-attur xtara permezz ta' kuntratt in atti Nutar Francis X. Dingli tas-16 ta' Mejju 1968 l-utili dominju perpetwu tal-fondi numru 78 u 79 (gia' numri 66 u 67) Stuart Street, Gzira;

Illi s-sorijiet Agostinjani kif rapprezentati huma proprietarji tal-fond 50 Ponsomby Street, Gzira u snin ilu precizament bejn l-1944 u 1945 haffru shelter fil-bitha formanti parti mill-fond 78 u 79 Stuart Street, Gzira proprieta' ta' l-attur u minghajr ebda titolu annettew l-istess bitha mal-fond taghhom 50 Ponsomby Street, Gzira, billi tellghet xi bibien;

Illi l-attur bosta drabi interpellahom biex jizgombraw kompriz permezz ta' diversi ittri ufficjali w anke kien fetah kawza fl-1971 li marret dezerta;

TALAB li din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuta nomine biex fi zmien qasir u perentorju minnha ffissat tirrestitwixxi lill-attur il-bitha

formanti parti mill-fond proprieta' tieghu akkwistat bl-att imsemmi tas-16 ta' Mejju 1968;

2. tnehhi jew tiftah il-hajt jew kull kostruzzjoni li ghamlu l-konvenuti fuq l-imsemmija proprieta' ta' l-attur dejjem fi zmien iffissat mill-Qorti u taht is-supervizjoni ta' perit nominand;

3. fin-nuqqas li jsir dan tawtorizza lill-attur biex jaghmel dan ix-xoghol hu a spejjez tal-konvenuta nomine.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine tal-1 ta' Awissu 1994 fejn eccepiet:

"Illi l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet ta' l-attur huma ghal kollox infondati billi l-bitha msemmija fic-citazzjoni hija u dejjem kienet parti integrali mill-fond 50/51 Ponsomby Street, Gzira li gie akkwistat mis-Sorijiet fl-ewwel ta' Novembru 1944

u ghalhekk it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjes. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 1994 din il-Qorti, diversament presjeduta, innominat lil Frederick Doublet bhala Perit Tekniku li, wara rikors ta' l-attur, gie sostitwit bil-Perit Rene' Buttigieg.

Il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta fis-6 ta' Mejju 1996 li wara diversi rikorsi tal-konvenuta nomine u ta' l-istess Perit Tekniku fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1998 ordnat lill-Perit Tekniku jirritorna l-inkartament, anke qabel il-prezentata tar-rapport finali tieghu, biex il-kawza tigi finalment ittrattata quddiem il-Qorti. Il-kawza giet ittrattata biss mid-difensur tal-konvenuta nomine peress illi fis-seduta tas-17 ta' Frar 1999 id-difensur ta' l-attur ma deherx minkejja illi l-kawza kienet giet differita bil-hin ghal din id-data u ghal dan l-iskop. Il-Qorti pero' tat il-fakolta' lid-difensur ta' l-attur biex jirrispondi ghat-trattazzjoni orali bil-miktub. Dan pero' ma sarx u l-istess difensur ta' l-attur, ghall-kuntrarju, b'nota tal-15 ta' Gunju 1999 iddikjara li l-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza fuq il-

provi mressqa kif fil-fatt giet differita fis-seduta tal-10 ta' Novembru 1999 u liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi mressqa huma konfliggenti u dawk il-provi li gew imressqa mill-attur gew ribattuti mill-konvenuta nomine permezz tax-xhieda moghtija quddiem il-Perit Tekniku minn Suor Benilda Flores u Suor Dorothea Agius fis-seduti tas-7 ta 19 ta' Jannar 1998 rispettivament. Minn din ix-xhieda jirrizulta illi l-bitha meritu ta' din il-kawza kienet ilha fil-pussess tal-konvenuta nomine almenu minn zmien ta' l-ahhar gwerra. Dan il-fatt huwa ammess mill-istess attur illi jsostni li l-bitha formanti parti mill-fond tieghu giet annessa mal-fond taghhom 50 Ponsomby Street, Gzira bejn l-1944 u l-1945. L-azzjoni ghalhekk li qed jittanta l-attur anke wara l-moghdija ta' dan iz-zmien kollu hija l-*actio reivendicatoria*, azzjoni, kif giet deskritta fil-gurisprudenza ta' pajjizna, diabolika li tirrikjedi l-prova assoluta tal-proprieta' partikolarment kontra l-pussessur attwali. Hekk gie ritenut fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Ottubru 1995 fl-ismijiet "Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi" fejn din il-Qorti ikkostatat il-konsiderazzjonijiet

tal-ligi fir-rigward kif enunzjata fis-sentenza a Vol. XXIX-PII-pg.488):

> "*Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' l-immobbli ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprieta' tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah halfu sakemm issir dik il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza.*"
>
> Omissis
>
> "*Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-anqas dubbju dwar il-proprieta' tar-rivendikant, **hija ghandha ssostni lill-possessur**.*"

Fil-fehma ta' din il-Qorti mill-provi prodotti hemm aktar mill-anqas dubbju dwar il-proprieta' tar-rivendikant, u ghalhekk hija thoss li ghandha ssostni lill-possessur, possessur, ghandu jinghad mhux minghajr rilevanza, li ilu fil-pussess ghal aktar minn hamsin (50) sena.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.